

Konferma tar-riċevuta ta' lment multiplu dwar ir-remunerazzjoni tal-imħallfin u tal-persunal tal-qorti fl-Ungerija — CPLT(2024)01809

Il-Kummissjoni rċeviet għadd kbir ta' lmenti li jgħajmu tħassib b'rabta mal-livell ta' remunerazzjoni tal-imħallfin u tal-persunal tal-qorti fl-Ungerija u n-nuqqas ta' indiċjar awtomatiku ta' tali remunerazzjoni.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CPLT(2024)01809.

Fir-rigward tal-iżviluppi nazzjonali msemmija fl-ilmenti, il-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-trattati, se tanalizza bir-reqqa l-kwistjoni biex tiddetermina jekk l-iżviluppi deskritti jiksru id-dritt tal-UE, inkluż il-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja fejn applikabbli.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett, il-Kummissjoni qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-paġna ddedikata tal-website Europa. Din il-pubblikazzjoni online tippermetti rispons rapidu u tinforma lil dawk ikkonċernati, u tqis l-interess pubbliku potenzjalment usa' fil-kwistjoni mqajma mill-ilmentaturi. L-ilmentaturi se jiġu infurmati, fuq l-istess website Europa, bir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u bl-azzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiegħu.

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra l-ilmenti fid-dawl tal-liġi applikabbli tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-prijoritajiet ta' infurzar stabbiliti fil-[Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar"](#)¹ u l-[Komunikazzjoni "L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati"](#)².

Jekk jogħġbok innota li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħxi wara dawn l-ilmenti, inkluż billi tnedi proċedura ta' ksur formali, l-għan primarju tagħha huwa li tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw il-liġi tal-UE fl-interess ġenerali. Is-sottomissjoni ta' lment lill-Kummissjoni mhux se ssolvi direttament is-sitwazzjoni speċifika u individwali tal-ilmentatur. Biex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, għandek tiegħu azzjoni fuq livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma tissospendix il-limiti ta' żmien biex tinbeda azzjoni legali skont il-liġi nazzjonali.

Is-servizzi tal-Kummissjoni awtomatikament se jittrattaw l-ilmenti b'mod kunfidenzjali. Huwa biss fil-każ li lmentatur jagħżel trattament mhux kunfidenzjali fil-formola tal-ilmenti li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiżvelaw l-identità u kwalunkwe informazzjoni sottomessa minn dak l-ilmentatur lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fil-konfront tiegħu jkun sar l-ilment. L-iżvelar tal-identità tal-ilmentatur mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jista' f'xi każijiet ikun indispensabbli għat-trattament tal-ilment.

[Dikjarazzjoni speċifika dwar il-politika tal-privatezza](#) tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.

¹ C(2016)8600.

² COM(2022) 518 final.